

## Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti (għalkemm hawnhekk tista' tisser ukoll tal-kriminalità)>Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

### Ġermanja

Inti titqies **vittma ta' reat** jekk ġarrabt dannu, pereżempju jekk soffrejti ġrieħi jew jekk il-proprietà tiegħek ġarrbet ħsara jew insterqet b'riżultat ta' inċident li huwa meqjus delitt skont il-liġi Ġermaniża. Bħala vittma ta' reat, il-liġi tagħtik ċerti drittijiet individwali qabel, matul u wara l-proċedimenti.

**Il-proċeduri kriminali fil-Ġermanja** jibdwu bl-investigazzjonijiet li jitmexxew mill-pulizija u mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku; dawn l-investigazzjonijiet jistgħu jinbdeu ukoll permezz ta' kwerela mill-vittma. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed provi kontra l-persuna suspettata biex tiġi akkużata, l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jtemm l-investigazzjoni kriminali. Jekk, min-naħa l-oħra, ikun hemm provi biżżejjed, l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jressaq lill-persuna suspettata l-qorti. Dan jista', madankollu, iwaqqaf ukoll il-proċeduri f'ċerti ċirkostanzi, pereżempju jekk il-persuna ssuspettata tkun għamlet tajjeb għad-dannu materjali ikkawżat lilek jew tkun issodisfat ċertu kundizzjonijiet u struzzjonijiet.

Jekk il-qorti tiftaħ il-proċeduri ewlenin wara l-akkuża, din teżamina l-provi kontra l-persuna akkużata waqt seduta fil-qorti. Jekk issib lill-persuna akkużata ħatja, tikkundannaha u tistabbilixxi piena. Il-Qorti tista', f'każijiet xierqa u inqas serji kontra l-akkużat, ittemm il-proċeduri wkoll, pereżempju jekk il-persuna akkużata turi sogħba u tkun ipparteċipat f'medjazzjoni bejn il-vittma u t-trażgressur. Jekk il-provi kontra l-persuna akkużata ma jkunux biżżejjed, il-qorti trid tilliberaha. Jekk tingħata sentenza, il-proċeduri kriminali jistgħu jkomplu f'qorti superjuri wara appell.

Inti bħala vittma tista' tiegħu sehem fi proċeduri kriminali bħala xhud jew jista' jkollok rwol aktar attiv billi ssir formalment prosekutur privat (*Privatkläger*) jew prosekutur addizzjonali privat (*Nebenkläger*) u b'hekk tibbenefika minn diversi drittijiet disponibbli għalik. Bħala prosekutur privat inti tiegħu r-rwol tal-prosekutur pubbliku; bħala prosekutur addizzjonali privat, inti tiegħu sehem fil-proċeduri flimkien mal-prosekutur pubbliku.

Billi tikklkikja darba biss fuq il-ħolqa rilevanti, issib **l-iskedi informattivi** li ġejjin li juruk il-passi differenti li tgħaddi minnhom il-kawża tiegħek, jiddeskrivulek id-drittijiet tiegħek bħala vittma ta' reat meta tagħmel kwerela għal delitt, matul l-investigazzjoni tad-delitt, matul il-proċess jew wara l-proċess fl-ewwel istanza. Barra minn hekk, tista' taqra aktar dwar l-intitolament tiegħek għal kumpens, u l-għajjuna u l-appoġġ li tista' tikseb.

Naturalment dawn l-iskedi informattivi huma biss introduzzjoni għal ħafna regoli differenti. Pereżempju, tkun teħtieġ informazzjoni aktar speċifika għal proċeduri meta l-akkużat ikun adoloxxenti jew adult żagħżuġ, li bilkemm jissemmew hawnhekk.

### **Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ**

- 1 - **Drittijiet bħala vittma ta' reat**
- 2 - **Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess**
- 3 - **Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess**
- 4 - **Kumpens**
- 5 - **Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza**

L-aħħar aġġornament: 20/10/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew deċiżjoni ta' tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### **1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat**

#### **X'informazzjoni nirċievi mill-awtoritajiet wara li jkun seħħ id-delitt (eż. il-pulizija, il-prosekutur pubbliku) iżda anki qabel ma nirrapporta d-delitt?**

Sabiex jgħin lill-vittmi ta' delitti u jipprovdi gwida dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernawhom, il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur (BMJV) ippubblika **skeda informattiva għall-vittmi ta' delitti** u manwal għall-vittmi, u żviluppa l-pjattaforma <http://www.hilfe-info.de/>.

L-[iskeda informattiva għall-vittmi ta' delitti](http://www.hilfe-info.de/) hija [disponibbli f'aktar minn 25 lingwa](http://www.hilfe-info.de/) fuq il-paġna ewlenija tal-BMJV u permezz tal-pjattaforma "hilfe-info.de".

Tipprovdi informazzjoni konċiża dwar kif issib organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi, dwar kif tirrapporta delitt, dwar kif tikseb informazzjoni dwar il-proċedimenti kriminali, dwar ix-xhieda, u dwar l-ispejjeż, ir-rappreżentanza legali u l-kumpens.

Il-[manwal għall-vittmi \(Opferfibel\)](http://www.hilfe-info.de/) jipprovdi deskrizzjoni aktar dettaljata tad-drittijiet tal-partijiet leżi fi proċedimenti kriminali, inklużi ittri standard u indirizzi ta' kuntatt.

Aktar informazzjoni dwar assistenza psikosoċjali possibbli tinsab [fuq](http://www.hilfe-info.de/) apposta, li huwa disponibbli wkoll online bil-Ġermaniż u bl-Ingliż.

Sabiex jipprovdi aċċess online għal informazzjoni ewlenija, il-BMJV żviluppa **pjattaforma nazzjonali għall-protezzjoni tal-vittmi**. Informazzjoni dwar assistenza u konsulenza, kumpens u t-tmexxija ta' proċedimenti kriminali tinsab fuq <http://www.hilfe-info.de/>. Lokalizzatur ta' ċentri ta' konsulenza jagħti informazzjoni lill-vittmi dwar fejn jistgħu jiksbu għajjuna malajr fiż-żona lokali tagħhom bit-telefon, online jew personalment.

Il-pjattaforma "Hilfe-Info.de" tiprovdi informazzjoni speċifika għal vittmi ta', pereżempju, vjolenza fl-ambjent personali tagħhom u vjolenza sesswali, ċiberkriminalità jew atti terroristiċi. Tippreżenta persuni ta' kuntatt bħall-Kummissarju tal-Gvern Federali għall-vittmi u s-superstiti ta' atti terroristiċi fil-Ġermanja, Edgar Franke.

Interfaċċa ta' għajjuna tippermetti lill-utenti jsibu s-servizzi ta' appoġġ it-tajbin direttament u malajr. L-intervisti bil-vidjow u bl-awdjo, kif ukoll vidjows illustrattivi, jispjegaw diversi forum ta' għajjuna.

#### **Jien ma ngħix fil-pajjiż tal-UE fejn seħħ id-delitt (ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex). Kif inhuma protetti d-drittijiet tiegħi?**

Tista' tirrapporta d-delitt lill għassa tal-pulizija jew lill prosekutur pubbliku Ġermaniż. Il-prosekutur pubbliku mbagħad jeżamina jekk huwiex possibbli li titressaq prosekuzzjoni fil-Ġermanja. Jekk dan ma jkunx il-każ jew jekk mhux possibbli li titressaq prosekuzzjoni fil-Ġermanja għal raġunijiet oħra, il-prosekutur pubbliku jibgħat il-każ lill-awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru l-ieħor tal-UE fejn twettaq ir-reat.

#### **Jekk nirrapporta delitt, x'informazzjoni nirċievi?**

Tirċievi konferma bil-miktub tar-rapport tiegħek, li jkun fiha sommarju qasir tad-dikjarazzjoni tiegħek dwar il-ħin, il-post u r-reat irrappurtat.

Jekk tlabt dan fir-rapport tiegħek, tkun mgħarraf jekk l-investigazzjoni tkunx ingħalqet, bil-post u l-ħin tal-proċess, bl-akkużi miġjuba kontra l-akkużat u bl-eżitu tal-proċedimenti ġudizzjarji.

Barra minn hekk, bħala vittma tad-delitt tkun infurmat fuq talba jekk il-persuna kkundannata ġietx ordnata biex ma tikkuntattjakx jew ma tersaqx lej.

Jekk turi interess leġittimu jew diġà għamilt dikjarazzjoni korrispondenti fil-proċedimenti għall-inklużjoni tiegħek bħala parti ċivili, tista' tiġi infurmat ukoll jekk il-persuna akkużata jew ikkundannata ġietx arrestata jew miżmuma, jew meħlusa, jew jekk ir-reġim tal-ħabs tagħha ġiex rilasat jew ingħatax liv mill-ħabs għall-ewwel darba. Tkun infurmat bi kwalunkwe rilasament ulterjuri tar-reġim tal-ħabs jew tal-liv mill-ħabs jekk ikollok interess leġittimu u l-persuna kkundannata ma jkollhiex interess prevalenti.

Tkun innotifikat ukoll jekk il-persuna kkundannata taħrab mid-detenzjoni. F'dan il-każ, tkun infurmat ukoll bil-miżuri meħuda għall-protezzjoni tiegħek.

### **Għandi dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni jew ta' traduzzjoni bla ħlas (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lill-awtoritajiet oħra, jew matul l-investigazzjoni u l-proċess)?**

Meta tirrapporta delitt tirċievi l-għajnuna li għandek bżonn biex tipproduċi r-rapport tiegħek f'lingwa li tifhem, mingħajr l-ebda spiża. Fuq talba, tirċievi konferma bil-miktub tar-rapport fil-lingwa tiegħek.

Jekk meħtieġ, tingħata interpretu bla ħlas meta tkun interrogat waqt l-investigazzjoni u matul l-istadju tal-proċess, u wkoll jekk tiegħu sehem attiv fil-proċedimenti bħala parti ċivili.

### **Kif tista' l-awtorità tiżgura li qed nifhem u li qed ninfiehem (jekk jien minorenni; jekk għandi diżabilità)?**

It-tfal jiġu interrogati minn intervistaturi ta' esperjenza li huma mħarrġa b'mod speċjali. Proċedimenti li jinvolvu reati mwettqa minn adulti kontra tfal jew żgħażaġh (każijiet ta' protezzjoni tal-minorenni) huma ttrattati minn maġistrati u prosekuturi mis-sistema tal-minorenni li huma mħarrġa u għandhom esperjenza fl-edukazzjoni u t-trobbija taż-żgħażaġh.

Persuna li għandha diżabilità fis-smiġh jew fit-taħdit tista' tagħżel li l-komunikazzjoni ssir bil-fomm, bil-miktub jew permezz ta' faċilitatur maħtur mill-qorti (eż. interpretu tal-lingwa tas-sinjali). Il-qorti għandha tipprovdi l-mezzi tekniċi xierqa għal komunikazzjoni orali u bil-miktub.

Persuna nieqsa mid-dawl jew b'vista parzjali tista' tippreżenta sottomissjonijiet bil-miktub u dokumenti oħra lill-qorti f'forma li tkun tista' tingħara minnha, b'mod partikolari bil-Braille. Fuq talba tagħhom, is-sottomissjonijiet tagħhom u dokumenti oħra relatati mal-proċedimenti ġudizzjarji għandhom normalment isiru aċċessibbli u għandhom jingħataw ukoll aċċess għall-fajl tal-kawża mingħajr ma jgħarbu spejjeż addizzjonali.

### **Servizzi ta' appoġġ għall-vittmi**

#### **Min jipprovdi l-appoġġ għall-vittmi?**

Fi proċedimenti kriminali, bħala vittma ta' delitt, tista' tirċievi assistenza legali minn avukat, bħal avukat tax-xhud għax-xhieda tiegħek jew bħala parti ċivili intitolata li tintervjeni fil-proċedimenti anki qabel ma tiddikjara x-xewqa tiegħek li tintervjeni fihom. Tista' tkun rappreżentat minn avukat li jspjeċjalizza fil-konsulenza ta' partijiet leżi jew tkun akkumpanjat minn persuna li tafda waqt l-interrogazzjoni, sakemm dan ma jippreġudikax l-iskop tal-investigazzjoni. Minbarra assistenza legali, huwa wkoll possibbli li tirċievi għajnuna psikosoċjali qabel, waqt u wara l-proċess, li l-qorti tipprovdi bla ħlas lill-tfal vittmi ta' delitti sesswali u vjolenti, kif ukoll lill-vittmi adulti partikolarment vulnerabbli ta' reati vjolenti u sesswali serji. Għal aktar informazzjoni, ara l-[iskeda informattiva dwar l-għajnuna psikosoċjali](#).

Fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-istati federali (*Länder*) huma responsabbli biex jipprovdu appoġġ ġenerali għall-vittmi. Ħafna *Länder* diġà ħatru rappreżentanti tal-vittmi jew waqfqu punti uniċi ta' servizz għall-vittmi ta' vjolenza. Huma jaġixxu taħt l-awtorità tagħhom stess, skont il-qasam ta' responsabbiltà definit. Aktar informazzjoni dwar il-kummissarji tal-vittmi, is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jew is-servizzi ta' konsulenza, kif ukoll it-tipi ta' għajnuna disponibbli, tinsab fuq <http://www.hilfe-info.de/> u fl-iskeda informattiva "Id-Dritt Tiegħi għal Appoġġ u Assistenza".

#### **Il-pulizija jirreferuni awtomatikament għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi?**

Il-pulizija tgħidlek jekk intix intitolat għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, li jvarjaw minn konsulenza permezz ta' akkomodazzjoni protetta għal terapija. Int liberu li tiddeċiedi jekk tiħux dawn is-servizzi jew le. Ir-riferiment mhuwiex awtomatiku.

#### **Kif tiġi protetta l-privatezza tiegħi?**

Id-*data* personali u l-informazzjoni dwarek jiġu kondiviżi biss ma' organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi fuq talba tiegħek u bil-kunsens espliċitu tiegħek.

#### **Għandi nirrapporta delitt qabel ma nkun nista' nikseb aċċess għall-appoġġ għall-vittmi?**

Le, is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jipprovdu appoġġ irrispettivament minn jekk irrapportajt delitt.

### **Protezzjoni personali jekk inkun fil-periklu**

#### **X'tipi ta' protezzjoni hemm disponibbli? Min jista' joffrili protezzjoni?**

Jekk inti espost għal riskji bħala riżultat tax-xhieda tiegħek fi proċedimenti kriminali, hemm modi differenti kif tiġi protett:

F'tali każijiet, il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jippermetti li d-dettalji personali jinżammu kompletament jew parzjalment kunfidenzjali.

Bħala regola ġenerali, int għandek tipprovdi dettalji sħaħ tal-identità u l-indirizz tiegħek meta tagħti x-xhieda tiegħek.

Jekk hemm indikazzjonijiet ċari u tanġibbli li l-iżvelar tal-post ta' residenza tiegħek jista' jipperikola d-drittijiet legali tiegħek jew dawk ta' persuni oħra, pereżempju għax għandek raġuni biex tinkwieta li xi ħadd se jkun qiegħed isegwik jew hemm raġuni biex temmen li int jew oħrajn tistgħu tiġu affettwati ħażin, pereżempju biex tiġi evitata jew influwenzata d-dikjarazzjoni vera tiegħek, ma għandekx għalfejn tindika l-post tar-residenza tiegħek. Tista' mbagħad tipprovdi indirizz ieħor li fih tista' tiġi kkuntattjat u fejn l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jibagħtu l-korrispondenza (eż. taħrika tal-qorti), pereżempju l-indirizz ta' avukat jew ta' organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi. Jekk ikun hemm riskju għall-ħajja u l-persuna jew għal-libertà tiegħek, tista' saħansitra titħalla żżomm l-identità tiegħek kompletament sigrieta. Id-dokumenti relatati mal-indirizz proprja tad-dar jew l-identità tiegħek jinħażnu separatament mill-fajls tal-kawża mill-prosekutur pubbliku sakemm ir-riskju jkun għadda.

Il-protezzjoni tax-xhieda mill-pulizija hija wkoll possibbiltà jekk:

qed tixhed bħala xhud fil-proċedimenti u;

id-dikjarazzjoni tiegħek hija essenzjali;

il-persuna tiegħek, ħajtek, saħħtek, il-libertà jew il-valuri materjali importanti tiegħek huma f'riskju;

taċċetta l-miżuri ta' protezzjoni tal-vittma; u

il-miżuri jkunu adattati għas-sitwazzjoni tiegħek,

int u l-qraba tiegħek tistgħu, jekk meħtieġ, tkunu inklużi fi programm ta' protezzjoni tal-vittma. Il-programm jinkludi b'mod espliċitu l-possibbiltà li tbidel temporanjament l-identità tiegħek.

Jekk int vittma ta' vjolenza domestika, tista' titlob lill-qorti kompetenti tal-familja biex tagħtik l-użu uniku tad-dar tal-familja kondiviża fil-futur u biex l-awtur tar-reat ikun ipprobit li javviċinax jew jikkuntattjak. Il-pulizija tista', bħala l-ewwel miżura qabel digriet tal-qorti, tneħħi lill-awtur tar-reat mid-dar tal-familja jew tarrestah. Jekk minorenni huwa vittma ta' vjolenza fil-familja, il-ġenitur għandu jikkuntattja mhux biss lill-pulizija iżda wkoll lill-uffiċċju tal-benessri taż-żgħażaġh (*Jugendamt*) bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għall-għajnuna u miżuri ta' protezzjoni għall-minorenni.

#### **Ikun hemm xi ħadd li jivvaluta l-każ tiegħi biex jara jekk ninsabx f'riskju ta' aktar ħsara mill-awtur tar-reat?**

Il-miżuri protettivi jinżammu sakemm ikun għad hemm riskju. Jekk isiru magħrufa indikazzjonijiet ta' riskju ġdid jew estiż, il-pulizija tiegħu l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa.

### **Ikun hemm xi ħadd li jivvaluta l-każ tiegħi biex jara jekk ninsabx f'riskju ta' aktar ħsara mis-sistema tal-ġustizzja kriminali (matul l-investigazzjoni u l-proċess)?**

Matul il-proċedimenti kriminali, il-pulizija, il-prosekutur pubbliku u l-qorti għandhom dejjem iqsu l-vulnerabbiltà speċifika tax-xhieda li huma fl-istess ħin partijiet leżi.

### **X'tip ta' protezzjoni hija disponibbli għall-vittmi vulnerabbli ħafna?**

B'mod partikolari, jittieħdu l-miżuri li għejjin għall-protezzjoni ta' vittmi vulnerabbli:

Fejn ikun hemm riskju urġenti ta' preġudizzju serju għall-aħjar interessi tax-xhud matul l-investigazzjoni u fl-istadju tal-proċess, ix-xhieda jiġu interrogati permezz ta' links vidjow u awdjo, sabiex ix-xhud ma jkollux għalfejn ikun fl-istess kamra mal-persuna akkużata.

Il-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-awla jekk jiġu indirizzati ċirkostanzi li jinvolvu l-ħajja personali tal-parti leża.

Mistoqsijiet malafamanti jew mistoqsijiet dwar il-ħajja privata ta' persuna huma ammissibbli biss jekk huma essenzjali.

### **Jiena minorenni. Għandi drittijiet speċjali?**

Jekk għandek inqas minn 18-il sena, il-liġi tippredvi li tiġi interrogat minn imħallef u possibbilment irregiſtrat fuq vidjow jew audio tape. Jekk int vittma ta' delitt sesswali jew vjolenti, ir-regiſtrazzjoni tista' tiġi ppreżentata fil-proċess u użata bħala evidenza, li tista' anki tiffrankalek milli jkollok tattendi l-qorti u terġa' tiġi interrogat fl-istadju tal-proċess.

Il-prosekutur pubbliku huwa meħtieġ li jħaffef investigazzjonijiet bħal dawn.

Bħala xhud minorenni, m'intix soġġett għall-interrogazzjoni mill-partijiet kollha fil-proċedimenti fis-seduta prinċipali. L-interrogazzjoni ssir mill-imħallef li jippresjedi biss. Jekk il-prosekutur pubbliku jew id-difiża għandhom mistoqsijiet għalik, normalment huma għandhom jistaqsuhom permezz tal-qorti.

### **Membru tal-familja miet kaġun ta' delitt. X'inhuma d-drittijiet tiegħi?**

Il-qraba ta' persuni li mietu jistgħu jressqu azzjoni ċivili fi proċedimenti kriminali u, f'dan il-kuntest, huma intitolati għal assistenza legali.

Huma eliġibbli wkoll għall-għajnuna fil-forma ta' assistenza psikosoċjali.

Jekk qarib imut kaġun ta' delitt vjolenti, il-kumpens huwa disponibbli skont l-Att dwar il-Kumpens għall-Vittmi (ara wkoll kumpens - kumpens għall-vittmi).

### **Membru tal-familja kien vittma ta delitt. X'inhuma d-drittijiet tiegħi?**

Il-qraba jistgħu wkoll jaġhmlu użu mill-possibbiltà li jikkuntattjaw korpi konsultattivi speċjalizzati biex jiksbu informazzjoni u pariri.

Il-ġenituri jistgħu wkoll ifittxu parir bla ħlas u b'mod anonimu mill-hotline tal-ġenituri 0800 1110550.

Jekk qarib tiegħek għandu jixhed bħala xhud u int m'intix xhud fil-proċedimenti, tista' takkumpanjah u tassistih waqt l-interrogazzjoni.

### **Nista' nikseb aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni? X'inhuma l-kundizzjonijiet? Inkun sikur waqt il-medjazzjoni?**

Jekk int u l-akkużat taqblu, fil-Ġermanja huwa possibbli li tiddaħħal fis-seħħ proċedura ta' medjazzjoni magħrufa bħala "ġustizzja restorattiva" (*Täter-Opfer-Ausgleich*). Il-prosekutur pubbliku u l-qorti għandhom jeżaminaw, f'kull stadju tal-proċedimenti, il-possibbiltajiet biex jintlaħaq ftehim bejn l-akkużat u l-vittma tad-delitt u, f'każijiet xierqa, li jaħdmu lejn tali soluzzjoni. Madankollu, l-awturi ta' reati jew il-vittmi jistgħu wkoll jikkuntattjaw direttament huma stess servizz tal-ġustizzja restorattiva. Il-proċedura tal-ġustizzja restorattiva nnifisha sseħħ barra l-proċedimenti kriminali, ħafna drabi bil-parteciġazzjoni ta' medjaturi mħarrġa apposta. Bħala regola, huma inizjalment ikollhom diskussjonijiet separati mal-partijiet dwar ir-rieda tagħhom li jikkooperaw u l-ideat tagħhom rigward il-kumpens. Prerekwiżit għal ġustizzja restorattiva huwa, fil-prinċipju, li ż-żewġ naħat ikunu lesti li jikkooperaw. Fl-istess ħin, l-akkużat għandu jaċċetta wkoll grad ta' responsabbiltà għall-att ħażin imwettaq. Pagamenti fi flus jew riparazzjonijiet oħra huma spiss miftiehma bħala parti minn tali ġustizzja restorattiva. Barra minn hekk, sabiex tkun tista' tressaq prosekuzzjoni privata, proċedura ta' medjazzjoni minn qabel imwettaq f'korpi ta' arbitraġġ provinċjali hija prerekwiżit għal ċerti reati, bħal dħul mingħajr permess fil-proprietà privata, malafama, ksar tal-kunfidenzjalità tal-korrispondenza u offiża fuq il-persuna.

### **Fejn nista' nsib il-liġi li tistipula x'inhuma d-drittijiet tiegħi?**

Il-lista (mhux eżawrjenti) fiha l-punti ewlenin tal-leġiżlazzjoni li tistipula dispożizzjonijiet dwar id-dritt kriminali, ċivili u proċedurali. Il-links jidderiġuk lejn it-testi legali:

**Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (Strafprozessordnung – StPO)** – bil-[LE](#) [Germaniżu](#) bil-[LE](#) [Ingliż](#)

**L-Att dwar il-Kostituzzjoni tal-Qrati (Gerichtsverfassungsgesetz – GVG)** – bil-[LE](#) [Ġermaniż](#)

**Il-Kodiċi Kriminali (Strafgesetzbuch – StGB)** – bil-[LE](#) [Germaniżu](#) bil-[LE](#) [Ingliż](#)

**L-Att dwar l-Armonizzazzjoni tal-Protezzjoni tal-Vittmi (Zeugenschutzharmonisierungsgesetz – ZSHG)** – bil-[LE](#) [Ġermaniż](#)

**L-Att dwar il-Protezzjoni Kontra l-Vjolenza (Gewaltschutzgesetz)** – bil-[LE](#) [Ġermaniż](#)

**Il-Kodiċi Ċivili (Bürgerliches Gesetzbuch)** – bil-[LE](#) [Germaniżu](#) bil-[LE](#) [Ingliż](#)

**L-Att dwar ir-Residenza (Aufenthaltsgesetz)** – bil-[LE](#) [Ġermaniż](#)

**L-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni (Jugendgerichtsgesetz)** – bil-[LE](#) [Germaniżu](#) bil-[LE](#) [Ingliż](#)

**L-Att dwar l-Allowances tal-Qorti (Justizvergütungs- und -Entschädigungsgesetz)** – bil-[LE](#) [Ġermaniż](#)

**Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Zivilprozessordnung)** – bil-[LE](#) [Ġermaniż](#)

**L-Att dwar il-Kumpens għall-Vittmi (Opferentschädigungsgesetz)** – bil-[LE](#) [Germaniżu](#) bil-[LE](#) [Ingliż](#)

L-aħħar aġġornament: 20/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **2 - Ir-rapportar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess**

### **Kif nirraporta delitt?**

Jekk kont vittma ta' delitt, tista' tirrapporta fi jew lil:

kwalunkwe għassa tal-pulizija jew uffiċjal tal-pulizija;

kwalunkwe prosekutur pubbliku;

kwalunkwe qorti distrettwali.

Ir-rapport tiegħek jista' jiġi ppreżentat bil-miktub jew oralment. Fil-każ ta' rapport bil-fomm, jinħoloq rekord bil-miktub mill-awtorità li tirċievi r-rapport tiegħek. Fuq talba tirċievi konferma bil-miktub tar-rapport tiegħek. Ir-rapport jista' jiġi sottomess ukoll minn xi ħadd ieħor f'ismek. Dik il-persuna ma għandhiex bżonn procura speċjali.

Fil-biċċa l-kbira tal-istati federali (*Länder*) il-pulizija toffri wkoll il-possibbiltà li tirrapporta delitt online permezz ta' għassa tal-pulizija online (*Internetwache* jew *Onlinewache*).

Meta tagħmel ir-rapport tiegħek, għandek tipprovdi d-dettalji personali u d-dettalji ta' kuntatt tiegħek sabiex tkun tista' twieġeb aktar mistoqsijiet u tissejjaħ biex tixhed aktar tard fil-qorti. Jekk għandek tħassib dwar l-għoti tad-dettalji personali tiegħek, pereżempju għax tħossok mhedded, informa lill-awtorità li tirċievi r-rapport malajr kemm jista' jkun. Din imbagħad tkun tista' teżamina jekk ikunx meħtieġ li inti sempliċement tiġi kkuntattjat permezz ta' indirizz differenti, pereżempju permezz ta' avukat jew ta' organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi.

Huwa importanti għall-kontenut tal-kwerela tiegħek li tinkludi l-informazzjoni kollha li għandek dwar is-suspettat(i) u d-delitt li qed tirrapporta sabieħ il-pulizija u l-prosekutur pubbliku jkun jistgħu jivverifikaw id-dikjarazzjoni tiegħek u jibdew investigazzjoni inizjali.

Fil-prinċipju, ma hemm l-ebda limitu ta' żmien speċifiku biex tirrapporta delitt. Madankollu, fir-rigward ta' ċerti reati, bħall-malafama u d-dħul mingħajr permess fil-proprietà privata, jistgħu jittieħdu passi biss jekk tkun ippreżentajt kwerela, u l-kwerela għandha ssir bil-miktub lil qorti lokali, lill-prosekutur pubbliku jew lill-pulizija fi żmien tliet xhur minn meta sirt taf bir-reat u bl-awtur tar-reat. Għal skopijiet ta' rikonoxximent, jeħtieġ sempliċement li l-awtur(i) tar-reat ikun(u) identifikabbli individwalment. Ma huwiex meħtieġ li tkun taf isimhom. Meta tirrapporta d-delitt, jgħidulek jekk hijiex meħtieġa kwerela. Innota wkoll li r-reati jistgħu jiġu preskritti u allura jista' jkun li ma jibqax possibbli li jittieħdu passi - iżda biss wara bosta snin - u li l-limitu ta' żmien biex isir dan ivarja skont ir-reat.

#### **Kif nista' nsir naf x'qed jiġri dwar il-każ?**

Meta tikkuntattja lill-awtoritajiet pubbliċi biex tagħmel mistoqsija, huwa utli li tipprovi numru ta' referenza - b'hekk il-każ tiegħek ikun jista' jiġi identifikat b'mod eħfef u aktar malajr u jfisser li tista' tirċievi tweġiba aktar malajr.

Tirċievi numru ta' referenza mill-korp li rċieva r-rapport tiegħek, ġeneralment numru ta' referenza tal-pulizija. Dan in-numru ta' referenza jippermettilek tivverifika x'qed isir mill-pulizija kif ukoll biex tipprovi aktar informazzjoni. Jekk il-każ jiġi riferut lill-prosekutur pubbliku, tista' titlob lill-pulizija jew lill-prosekutur pubbliku għan-numru ta' referenza tal-prosekuzzjoni, li huwa differenti min-numru ta' referenza tal-pulizija.

Jekk ma tafx in-numru ta' referenza, ipprovi d-dettalji personali tiegħek u, jekk magħruf, l-isem tal-persuna akkużata meta tissottometti t-talba tiegħek.

#### **Jien intitolat għal għajna legali (matul l-investigazzjoni jew il-proċess)? X'inhuma l-kundizzjonijiet?**

Għandek dritt għal assistenza legali jew għajna legali bla ħlas fil-każijiet li ġejjin:

Jekk iċ-ċirkostanzi juru li jista' jkun li ma tkunx tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek waqt is-smiġh, tista' tkun assistit minn avukat bħala konsulent tax-xhieda matul is-seduta bl-ispejjeż imħallsa mill-Istat.

Jekk int intitolat tintervjeni fil-kawża bħala parti ċivili, f'ċerti każijiet, partikolarment fil-każ ta' reati vjolenti u sesswali serji, tista' tkun assistit minn avukat bi spejjeż imħallsa mill-Istat anki qabel ma titressaq il-prosekuzzjoni pubblika. Jekk dawn il-kundizzjonijiet għall-ħatra ta' avukat ma jiġux sodisfatti, int, bħala parti ċivili, tkun intitolat għall-għajna legali u tista' titlobha jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek ma tippermettilek tkopri l-ispejjeż tal-proċedimenti u ma tkunx tista' jew ma tistax raġonevolment tkun mistenni li tiddefendi l-interessi tiegħek int stess.

Fil-każ ta' prosekuzzjonijiet privati, li l-prosekutur pubbliku jimmonitorja uffiċjalment biss meta jkun fl-interess pubbliku li jagħmel dan, tista' tressaq prosekuzzjoni privata kontra l-akkużat sabieħ tiżgura l-kundanna tiegħu jekk il-prosekutur pubbliku ma jressaqx prosekuzzjoni fl-interess pubbliku u l-akkużat kellu mill-inqas 18-il sena meta twettaq ir-reat. Għalhekk tkun qed taġixxi minflok il-prosekutur pubbliku. Bħala l-attur, tista' titlob l-għajna legali mill-qorti li tkun se tiddeċiedi wkoll dwar il-kawża tiegħek. L-għajna legali tingħata jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek tfisser li ma tistax tħallas għall-ispejjeż tal-proċedimenti u jekk dawn x'aktarx se jirnexxu.

#### **Nista' nitlob lura l-ispejjeż (sabiex nieħu sehem fl-investigazzjoni/fil-proċess)? X'inhuma l-kundizzjonijiet?**

Jekk tagħmel dikjarazzjoni ta' xhud lill-prosekutur pubbliku jew lill-qorti, tiġi rimborżat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, in-nefqa, il-ħin mitluf, l-inkonvenjenza finanzjarja jew it-telf ta' qligħ jekk tissottometti talba fi żmien tliet xhur mis-seduta. Kull persuna mħarrka mill-pulizija tista' wkoll tkun intitolata għal kumpens. Dan huwa ddeterminat mill-liġi rilevanti tal-istat federali fl-istat federali rilevanti.

#### **Nista' nappella jekk il-każ tiegħi jingħalaq qabel nitla' l-qorti?**

Il-prosekutur pubbliku jista' ma jieħu l-ebda azzjoni ulterjuri għal diversi raġunijiet.

Tista' tressaq appell bil-miktub kontra deċiżjoni biex ma tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri. Jekk taf b'aktar fatti jew provi, importanti li tispeċifikahom fin-notifika tal-appell. Jekk il-prosekutur pubbliku jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu, il-każ jiġi mistħarreġ mill-prosekutur ġenerali. L-appell tiegħek dejjem jiġi ttrattat bil-miktub.

F'xi każijiet, jekk il-prosekutur pubbliku u l-prosekutur ġenerali jirrifjutaw li jieħdu passi, tista' tirreferi l-kwistjoni lill-qorti reġjonali superjuri kompetenti (jew qorti tal-kamra) u tibda proċeduri biex tinforza azzjoni. Inti tkun espressament avżat mill-prosekutur pubbliku fid-deċiżjoni tiegħu jekk tali proċedimenti humiex ammissibbli fil-każ tiegħek. Madankollu, proċedura bħal din hija soġġetta għal limiti ta' żmien u rekwiżiti formali stretti. Ir-rikors għandu jkun iffirmit minn avukat u inti tkun responsabbli għall-ispejjeż jekk titlef.

#### **Nista' nkun involut fil-proċess?**

Jekk inti **xhud**, l-involvement tiegħek fil-proċess huwa limitat għax-xhieda tiegħek. Meta tkun spiċċajt ix-xhieda tiegħek, inti liberu li ssegwi s-seduta bħala osservatur, iżda ma tieħu l-ebda parti oħra fil-proċess.

Jekk intervenejt fil-proċedimenti bħala **parti ċivili**, int intitolat li tattendi l-proċess u li tressaq rikorsi, b'mod partikolari talbiet għal provi, mistoqsijiet u dikjarazzjonijiet, l-istess bħall-prosekutur pubbliku. Bħala parti ċivili, għandek ukoll l-oportunità li tagħmel sottomissjoni tal-għeluq (trattazzjoni).

Bħala **attur** fi proċedimenti kriminali, tista' titlob kumpens jew danni għall-uġiġħ u t-tbatija mill-awtur tar-reat fi proċedimenti kriminali. Int intitolat ukoll li tieħu sehem fil-proċess bħala attur. Madankollu, ma għandekx id-drittijiet proċedurali l-oħra ta' parti ċivili.

#### **X'inhu r-rwol uffiċjali tiegħi fis-sistema ġudizzjarja? Pereżempju, jien meqjus jew nista' nagħżel li nkun meqjus bħala: vittma, xhud, parti ċivili jew prosekutur privat?**

Qabel ma tiġi konkluża l-investigazzjoni, bħala l-vittma ta' reat fi proċedimenti kriminali, l-istatus tiegħek huwa primarjament dak ta' xhud. Tista' tikkuntattja lill-awtoritajiet pubbliċi fi kwalunkwe ħin biex tipprovdilhom aktar provi u informazzjoni. Il-vittmi ta' reati, imsejja "partijiet leżi" fil-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, għandhom setgħat li jestendu lil hinn mid-drittijiet ġenerali tax-xhieda, bħad-dritt li jitolbu informazzjoni dwar jekk is-suspettat jinsabx taħt arrest preventiv u, taħt ċerti kundizzjonijiet, id-dritt għal aċċess għall-fajl tal-kawża jew informazzjoni minnu (ara wkoll hawn taħt), u d-dritt li jitolbu għajna minn avukat jew li jkun rappreżentati minn wieħed.

Jekk int intitolat tintervjeni fil-kawża bħala parti ċivili, tiddeċiedi għalik innifsek jekk tridx tintervjeni fil-proċedimenti. Hija wkoll l-għażla tiegħek jekk tixtieqx tippreżenta talba għal kumpens jew danni matul il-proċedimenti kriminali bħala parti ċivili jew le.

#### **X'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tiegħi f'dan ir-rwol?**

Bħala xhud, għandek id-drittijiet li ġejjin waqt l-eżami tiegħek:

Tista' tirrifjuta li tixhed jekk int miżżewweġ lill-akkużat jew għarus lilu (dan japplika wkoll għal sħubijiet reġistrati tal-istess sess) jew jekk int qarib tiegħu.

Tista' tirrifjuta li tweġeb ċerti mistoqsijiet jekk dan jista' jwassal għal proċedimenti kriminali kontra jew kontra l-qraba tiegħek.

Mistoqsijiet li jistgħu jaffettwaw l-unur tiegħek jew li jikkonċernaw il-ħajja privata tiegħek huma ammissibbli biss meta jkun essenzjali.

Tista' tkun akkumpanjat minn persuna ta' fiduċja, sakemm il-preżenza tagħhom ma tippreġudikax l-iskop tal-investigazzjoni.

Tista' tkun akkumpanjat minn avukat.

Jekk ma tistax teżerċita d-drittijiet tiegħek int stess, tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, tkun assistit minn konsulent tax-xhieda tal-avukat għall-eżami bi spejjeż imħallsa mill-Istat.

Jekk ma jkollokx livell suffiċjenti tal-lingwa Ġermaniża, jinħatar interpretu għall-eżami tiegħek.

Għandek dritt għal rimborż (ara "Nista' nitlob lura l-ispejjeż?" hawn fuq).

L-obbligi ewlenin tiegħek bħala xhud:

Int trid tgħid il-verità. Dan ifisser ukoll li ma tħalli xejn barra li jista' jkun relevanti għall-kawża. Li tagħti xhieda falza b'mod deliberat fil-qorti huwa reat kriminali u ġeneralment jirriżulta f'sentenza ta' priġunerija. Akkużi foloz jew tfixkil tal-ġustizzja huma wkoll reati kriminali li jistgħu jitwettqu minn xhud li jagħti xhieda falza.

Int trid tirrapporta għall-eżami jekk tkun imsejjaħ mill-prosekutur pubbliku, mill-pulizija fisem il-prosekutur pubbliku, jew minn qorti.

#### **Nista' nagħmel dikjarazzjoni jew nixhed waqt il-proċess? X'inhuma l-kundizzjonijiet?**

Jekk inti msejjaħ tattendi l-proċess bħala xhud, inti obbligat li tixhed sakemm il-kawża ma tkunx waħda fejn tista' tirrifjuta li tagħmel dan (ara hawn fuq dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' xhud).

Bħala l-parti ċivili, tista' tagħmel dikjarazzjoni fil-proċedimenti (ara wkoll "nista' nkun involut fil-proċess?" hawn fuq)

#### **X'informazzjoni nirċievi matul il-proċess?**

Bħala l-parti leża f'kawża kriminali, fuq talba tiegħek, tkun infurmat bl-eżitu tal-proċedimenti ġudizzjarji.

#### **Jista' jkollni aċċess għall-fajls tal-qorti?**

Jekk id-drittijiet tiegħek ġew miksura f'kawża kriminali, avukat jista' jikkonsulta l-fajl tal-kawża u jispezzjona l-provi għalik jekk juri interess leġittimu biex jagħmel dan. F'dan il-każ, tista' wkoll tingħata informazzjoni u kopji tal-fajl tal-kawża sabiex tinforma ruħek dwar l-istat tal-proċedimenti. Jekk int intitolat li tintervjeni fil-proċedimenti bħala parti ċivili, m'hemm x b'żonn li int jew l-avukat tiegħek juri interess leġittimu fl-aċċess għall-informazzjoni jew fl-għoti tal-informazzjoni.

Jekk m'intix rappreżentat minn avukat bħala parti leża f'kawża kriminali, għandek dritt personali ta' aċċess għall-fajl tal-kawża u tista' tispezzjona l-fajl tal-kawża taħt superviżjoni.

Id-dritt ta' aċċess għall-fajl tal-kawża jew għal informazzjoni minnu jista' jiġi rrifjutat taħt ċerti kundizzjonijiet, pereżempju jekk jipperikola l-iskop tal-investigazzjoni. Għandu jiġi rrifjutat jekk l-interessi prevalenti tal-akkużat jew ta' persuni oħra jeħtieġu protezzjoni. Sakemm jitressqu l-akkużi u wara l-konklużjoni finali tal-proċedimenti, tittieħed deċiżjoni mill-prosekutur pubbliku, jew fin-nuqqas tiegħu, mill-qorti li tisma' l-kawża, dwar jekk jingħatax aċċess għall-fajl tal-kawża.

L-aħħar aġġornament: 20/10/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### **3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess**

#### **Nista' nappella kontra d-deċiżjoni?**

Bħala l-vittima, tista' tagħxi bħala **prosekutur aċċessorju privat** (*Nebenkläger*) u fil-prinċipju tista' tappella kontra deċiżjoni iżda biss jekk id-deċiżjoni tikkonċerna fatti rilevanti għal prosekuzzjoni aċċessorja privata (*Nebenklage*). Madankollu, ma tistax tressaq appell sempliċement għax ma taqbilx mal-livell tal-penali.

L-iskadenza għal appell kontra deċiżjoni hija ġimgħa. Jekk int jew l-avukat tiegħek kontu preżenti għall-proċess wara l-eżami tiegħek bħala xhud, l-iskadenza tibda fid-data meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni. Inkella, l-iskadenza tibda fid-data meta ntbagħtitlek id-deċiżjoni.

Bħala **prosekutur privat** (*Privatkläger*), għandek l-istess dritt li tappella bħall-prosekutur pubbliku li nieda l-proċedimenti pubbliċi.

#### **X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tingħata s-sentenza?**

Tiġi notifikat bl-eżitu tal-proċedimenti tal-qorti jekk tkun tlabt din l-informazzjoni minn qabel. Bħala prosekutur aċċessorju privat, tirċievi wkoll kopja tad-deċiżjoni.

Barra minn hekk, bħala l-vittima ta' reat u fuq talba tiegħek, tiġi notifikat ukoll jekk il-persuna kkundannata ngħatatx struzzjonijiet biex ma tikkuntattjawk jew biex ma tiltaqax miegħek.

Jekk tista' turi interess leġittimu, jew diġà wrejt interess leġittimu meta ġiet ammessa l-prosekuzzjoni privata aċċessorja tiegħek, tiġi notifikat ukoll dwar jekk il-persuna kkundannata hix se tiffaċċja miżuri ta' detenzjoni jew arrest, jekk dawn il-miżuri tnefhewx, jekk il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ġewx rilasati għall-ewwel darba jew jekk ingħatax liv mill-ħabs. Tiġi notifikat bi kwalunkwe rilasament ulterjuri tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jew liv mill-ħabs jekk tista' turi interess leġittimu u jekk m'hemm l-ebda interess prevalenti li jistħoqqlu l-protezzjoni tal-persuna kkundannata.

Tiġi infurmat ukoll jekk il-persuna kkundannata taħrab mill-arrest. F'każijiet bħal dawn, tkun infurmat ukoll bil-miżuri meħuda għall-protezzjoni tiegħek.

Jekk, pereżempju, wara li jintemm il-proċess, tixtieq tibda azzjoni ċivili kontra l-persuna kkundannata, għandek id-dritt li jkollok aċċess għall-informazzjoni li tinsab fil-fajls tal-proċess kriminali biex tfejji l-azzjoni ċivili tiegħek. Il-persuna kkundannata tingħata smiġh minn qabel biex jiġi determinat jekk hemmx interess prevalenti li jistħoqqlu l-protezzjoni tagħha li jimpedik milli jkollok aċċess għal dawn il-fajls.

Jekk is-sentenza kriminali tagħtik, bħala l-parti ċivili, proċedura ta' adeżjoni (*Adhäsionsantrag*) għal danni jew pagament għall-uġiġ u t-tbatija, b'kopja ta' dik is-sentenza finali int bħala parti ċivili intitolat li tressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Eżekuzzjoni jew lil uffiċjal ġudizzjarju eżekuttiv għal miżuri ta' eżekuzzjoni.

#### **Inkun intitolat għal appoġġ jew għal protezzjoni wara l-proċess? Għal kemm żmien?**

Int intitolat għal appoġġ psikosoċjali matul u wara l-proċedimenti tal-qorti.

Barra minn hekk, kif diġà msemmi, tibqa' tirċievi protezzjoni matul il-proċedimenti jekk it-teddida kontrik tippersisti.

#### **X'informazzjoni ningħata jekk l-awtur tar-reat jiġi kkundannat?**

Kif spjegat hawn fuq (ara "X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tingħata s-sentenza?"), fuq talba tiegħek, inti tiġi infurmat bl-eżitu tal-proċedimenti.

Madankollu, ma tiġix infurmat fejn se tinżamm il-persuna kkundannata waqt il-miżuri ta' detenzjoni jew arrest.

#### **Niġi informat jekk l-awtur tar-reat jiġi liberat (inkluż rilaxx bikri jew liberazzjoni taħt kundizzjoni) jew jekk jaħrab mill-ħabs?**

Tkun infurmat b'dan jekk tkun tlabtu (ara wkoll "X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tingħata s-sentenza?" hawn fuq).

#### **Inkun involut f'deċiżjonijiet dwar il-liberazzjoni jew ir-rilaxx kundizzjonali? Pereżempju, nista' nagħmel dikjarazzjoni jew inressaq appell?**

Int ma tkunx involut f'deċiżjonijiet dwar il-liberazzjoni jew ir-rilaxx kundizzjonali, u lanqas ma tista' tappella kontrihom. Meta tieħu deċiżjonijiet dwar il-liberazzjoni jew ir-rilaxx kundizzjonali, il-Qorti tista' timponi miżuri biex tippoteġik (pereżempju, ordni ta' restrizzjoni) jew biex tagħtik kumpens jew riparazzjoni (eż. pagament ta' danni). Jekk tkun meħtieġa superviżjoni soċjali u ġudizzjarja (*Führungsaufsicht*) wara li l-persuna kkundannata tinħeles mill-arrest, il-Qorti tista' wkoll toħroġ ordni ta' restrizzjoni f'każijiet bħal dawn. Jekk il-persuna kkundannata tmur kontra l-ordni ta' restrizzjoni, tista' terġa' tiġi kkundannata.

L-aħħar aġġornament: 20/10/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### 4 - Kumpens

##### X'inhu l-proċess biex titlob kumpens għad-danni mingħand l-awtur tar-reat? (pereżempju kawża fil-qorti, talba ċivili, proċedura ta' adefżjoni [Adhäsionsverfahren])

Jekk sofretjannu bħala l-vittma ta' delitt, int intitolat li titlob danni jew pagament għall-uġiġħ u t-tbatija, irrispettivament mill-proċedimenti kriminali, billi tinbeda azzjoni ċivili. Madankollu, intitolat ukoll li titlob id-danni billi tressaq rikors għal proċedura ta' adefżjoni (*Adhäsionsverfahren*) fil-proċedimenti kriminali. Jekk, bħala riżultat ta' deċiżjoni kriminali, inqabdet proprjetà li tappartjeni lilek (*Tatbeute*), u li hija ekwivalenti għad-danni tal-proprjetà dovuti lilek, tista' tirkupra din il-proprjetà jew ammont ekwivalenti ta' flus mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku.

##### Il-qorti ordnat lill-awtur tar-reat biex iħallasni għad-danni/jagħtini kumpens. Kif nista' niżgura li l-awtur tar-reat iħallas?

Id-deċiżjonijiet dwar adefżjonijiet u soluzzjonijiet milħuqa fi proċeduri ta' adefżjoni, kif ukoll deċiżjonijiet u soluzzjonijiet milħuqa fi proċedimenti ċivili, jistgħu jiġu eżegwiti skont ir-regoli ġenerali dwar l-eżekuzzjoni. L-eżekuzzjoni titwettagħ fuq il-bażi ta' kopja eżegwibbli tad-deċiżjoni jew tas-soluzzjoni milħuqa, li tinfaregħ mill-iskrivan tal-qorti kriminali.

##### Jekk l-awtur tar-reat ma iħallasx, jista' l-Istat iħallasni avvanz? X'inhuma l-kundizzjonijiet?

Il-liġi ma tipprevedix avvanzi mill-Istat għal kwalunkwe kumpens pagabbli mill-persuna kkundannata.

##### Jien intitolat għal kumpens mill-Istat?

###### Kunsiderazzjonijiet ġenerali

Jekk int vittma ta' delitt vjolenti fil-Ġermanja u għandek korriment li wassal għal diżabilità, tista' titlob kumpens għall-vittmi.

Tista' wkoll titlob kumpens jekk int s-superstiti ta' vittma li mietet kaġun ta' delitt vjolenti.

Mill-1 ta' Lulju 2018, il-vittmi li mhumiex ċittadini Ġermaniżi jistgħu jitolbu retroattivament l-istess pagamenti ta' kumpens bħaċ-ċittadini Ġermaniżi.

Mill-2009, il-vittmi b'residenza fissa fil-Ġermanja jistgħu jitolbu wkoll kumpens skont l-Att dwar il-Kumpens għall-Vittmi (*Opferentschädigungsgesetz*, OEG) anki jekk id-delitt vjolenti seħħ barra mill-pajjiż.

###### Għal liema tip ta' delitt nista' nieħu kumpens?

Għal delitt vjolenti, li huwa attakk intenzjonat u illegali fuq persuna (eż. attakk fiżiku, attakk sesswali, attakk terroristiku, qtil, avvelenament, ħruq doluż).

###### X'pagamenti ta' kumpens nista' nikseb?

Il-kumpens jifhallas mhux biss għad-diżabilità (fiżika u psikoloġika), iżda wkoll għall-konsegwenzi ekonomiċi ta' kwalunkwe diżabilità bħal din.

L-ammont u t-tul tal-pagamenti tal-kumpens huma regolati mill-Att dwar l-Assistenza Federali (*Bundesversorgungsgesetz*). B'mod partikolari għandhom ikopru:

Trattament mediku/fl-isptar

Għajnuniet mediċi (eż. proteżi, proteżi dentali, siġġu tar-roti)

Kumpens għall-partijiet leżi u s-superstiti

Spejjeż tal-funeral u għotjiet għal mewt

Benefiċċji soċjali addizzjonali għal dawk li huma ekonomikament imċaħħda (eż. għajnunja għall-kura, għajnunja addizzjonali għall-għixien).

Madankollu, ma jifhallasx kumpens għal ħsara lill-proprjetà u telf finanzjarju. M'hemm l-ebda pagament għall-uġiġħ u t-tbatija skont l-Att dwar il-Kumpens

għall-Vittmi. Il-vittmi b'residenza fissa fil-Ġermanja jistgħu jirċievu wkoll pagamenti ta' kumpens għal delitt vjolenti li seħħ barra mill-pajjiż, iżda l-ammont ikun inqas.

###### Kif u fejn nista' nitlob kumpens?

Tista' titlob kumpens mill-Istat b'mod informali jew billi tibgħat applikazzjoni formali. Ma hemm l-ebda skadenza għall-applikazzjonijiet. Madankollu, ġeneralment tirċievi benefiċċji biss mid-data li fiha applikajt għalihom.

Tista' tibgħat l-applikazzjoni tiegħek lill-awtorità tal-protezzjoni soċjali fl-Istat federali fejn għandek residenza fissa.

Jekk m'għandekx residenza fissa fil-Ġermanja imma kont vittma ta' delitt vjolenti fil-Ġermanja, tista' tibgħat applikazzjoni lill-awtorità tal-protezzjoni soċjali fl-Istat federali fejn seħħ id-delitt.

B'mod ġenerali, jekk applikajt għal benefiċċji mill-Istat, inti obligat li tieħu sehem fil-proċedura ta' kumpens. Dan ifisser li tagħti rendikont taċ-ċirkostanzi kollha li jistgħu jgħinu biex jiċċaraw il-fatti tal-każ. Dan jinkludi r-rapportar tad-delitt lill-pulizija. F'ċerti każijiet, jista' ma jkunx meħtieġ li d-delitt jiġi rrapportat. M'għandekx għalfejn tistenna l-eżitu tal-investigazzjonijiet tal-pulizija jew tal-proċedimenti kriminali.

Tista' ssib l-informazzjoni importanti l-oħra kollha dwar il-kumpens mill-Istat [hawnhekk](#):

[BMAS - Opferentschädigung \(German\)](#)

[BMAS - Opferentschädigung \(English\) \[Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali - kumpens għall-vittmi\]](#)

Inkun intitolat għal kumpens jekk l-awtur tar-reat ma jiġix ikkundannat?

Il-kumpens mill-Istat huwa disponibbli irrispettivament minn jekk l-awtur tar-reat ikunx ġie identifikat jew ikkundannat. Bħala regola, m'għandekx għalfejn tistenna li l-proċedimenti kriminali jiġu konklużi biex tirċievi kumpens mill-Istat. L-awtoritajiet kompetenti għall-kumpens jagħmlu deċiżjoni indipendenti dwar kwalunkwe applikazzjoni għal kumpens mill-Istat.

Jekk l-awtur tar-reat ma jiġix ikkundannat fil-proċedimenti kriminali, il-kumpens jista' jifhallas biss sakemm l-awtur tar-reat ma jkunx meħlus u l-proċedimenti ma jifhallas minħabba nuqqas ta' provi; il-kumpens jifhallas biss għal reati inqas serji fejn il-proċedimenti jiġu sospiżi iżda jiġu imposti obbligi jew struzzjonijiet fuq l-awtur tar-reat. F'każijiet bħal dawn, l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jew il-Qorti jistgħu jordnaw li tingħata kumpens, jiġifieri danni jew pagament għall-uġiġħ u t-tbatija, bħala l-vittma, ladarba l-proċedimenti finalment jingħalqu wara li l-kumpens jifhallas kollu kemm hu. Madankollu, bħala l-vittma, m'għandekx dritt għal kumpens bħal dan.

Azzjoni ċivili ma tkunx affettwata mill-eżitu tal-proċedimenti kriminali, inkluż il-liberazzjoni. Il-Qorti Ċivili tivverifika b'mod indipendenti jekk hemmx raġunijiet għad-danni mitluba jew għall-pagamenti għat-tbatija u l-uġiġħ.

###### Jien intitolat għal pagament ta' emerġenza waqt li nkun qed nistenna d-deċiżjoni dwar it-talba għall-kumpens tiegħi?

Le, m'intix intitolat għal "pagament bil-quddiem" qabel id-deċiżjoni finali fi proċedimenti kriminali jew ċivili.

Fir-rigward tal-kumpens mill-Istat, m'intix intitolat għal pagament bil-quddiem fi flus. Madankollu, bħala riżultat tal-applikazzjoni tiegħek għal kumpens mill-Istat, inti tista' tirċievi pagament għal trattament mediku/fl-isptar jew bħala outpatient ta' trawma qabel ma l-awtorità kompetenti tieħu d-deċiżjoni finali tagħha.

L-aħħar aġġornament: 20/10/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### 5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

##### Jien vittma ta' delitt. Lil min nista' nikkuntattja għall-appoġġ u l-assistenza?

Jekk int vittma ta' delitt tista' ssib informazzjoni dettaljata dwar l-appoġġ u l-assistenza fuq il-pjattaforma ċentrali għall-protezzjoni tal-vittma tal-BMJV (Ministeru Federali għall-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur) fuq <http://www.hilfe-info.de>, jew tista' [tniżżel](#) il-ktejjeb *Opferfibel* tal-BMJV (linji gwida għall-vittmi) (pubblikazzjoni proprja, bil-Ġermaniż) fuq il-paġna ewlenija tagħhom. Din il-pjattaforma nazzjonali għall-protezzjoni tal-vittmi tinkludi wkoll 'finder' taċ-ċentru ta' konsulenza, li l-vittmi jistgħu jużaw biex isibu malajr ċentri fiż-żona tagħhom li joffru għajjuna permezz tat-telefon, online jew personalment. L-informazzjoni rilevanti hija pprovduta minn ODABS, bażi tad-*data* online għall-vittmi ta' delitti, fuq [www.odabs.org](http://www.odabs.org), li min-naħa tagħha hija appoġġata mill-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali.

Hawn taħt issib lista tas-sorsi differenti ta' għajjuna disponibbli.

#### Hotlines ta' appoġġ għall-vittmi

Lista tal-hotlines l-aktar importanti disponibbli bla ħlas (ma tistax iċċempel lil dawn in-numri minn pajjiż barrani). Fil-Ġermanja, tista' ssib in-numri li ġejjin fuq [www.hilfe-info.de](http://www.hilfe-info.de):

**Hilfetelefon Sexueller Missbrauch** (linja għall-għajjuna għal abbuż sesswali): 0800 22 55 530

**Hilfetelefon Gewalt gegen Frauen** (linja għall-għajjuna għal vjolenza kontra n-nisa): 08000 116 016

**Hilfetelefon Gewalt an Männern** (linja għall-għajjuna għal vjolenza kontra l-irġiel): 0800 1239900

**berta – Beratung und telefonische Anlaufstelle** (linja għall-għajjuna għal konsulenza ġenerali): 0800 30 50 750

**Elterntelefon** (linja għall-għajjuna għall-ġenituri): 0800 11 10 550

**Hilfetelefon Schwangere in Not** (linja għall-għajjuna għal nisa tqal friskju): 0800 40 40 020

**Medizinische Kinderschutzhotline** (linja għall-għajjuna medika għall-protezzjoni tat-tfal): 0800 19 21 000

Il-vittmi madwar l-Ewropa jistgħu jiksbu għajjuna u appoġġ billi jcmplu l-linja għall-għajjuna miftuħa 24 siegħa kuljum stabbilita minn Weisser Ring e.V. fuq 116006.

#### L-appoġġ għall-vittmi huwa bla ħlas?

Iva.

#### X'tip ta' appoġġ nista' nirdievi mis-servizzi tal-Istat jew mill-awtoritajiet?

Fil-Ġermanja, kull Stat federali huwa responsabbli biex jipprovdi assistenza ġenerali għall-vittmi. Kull Stat federali waqf diversu miżuri differenti biex itejjeb is-sitwazzjoni tal-vittmi ta' delitti u biex jipprovdihom it-tip ta' assistenza adegwata. Il-miżuri jinkludu l-ħatra ta' rappreżentanti għall-protezzjoni tal-vittmi fl-għases tal-pulizija, it-twaqqif ta' unitajiet għall-ħarsien tax-xhieda, akkomodazzjoni temporanja għal nisa msawwta u tfajliet, l-għoti ta' informazzjoni għall-vittmi ta' delitti u għajjuna finanzjarja. Bosta Stati federali waqqfu assoċjazzjonijiet reġjonali speċjali li jmxexxu ċentri konsultattivi u unitajiet għall-vittmi. Tista' ssib lista ta' dak li joffri kull Stat federali fuq <https://www.hilfe-info.de/WebS/hilfeinfo/DE/HilfeUndBeratung/AnsprechpartnerUndBeratungsstellen/EinrichtungenOpferhilfe/EinrichtungenDerOpferhilfe.html>.

Hemm ukoll punti ta' kuntatt ċentrali fil-livell federali u reġjonali. Pereżempju, fil-livell nazzjonali, Dr Franke ġie maħtur bħala l-Kummissarju tal-Gvern Federali għall-Vittmi u l-Familji ta' Dawk li Mietu Kaġun Reati Terroristiċi mwettqa fit-Territorju Nazzjonali. Dr Felix Klein inħatar bħala l-Kummissarju tal-Gvern Federali għall-Ħajja Lhudija fil-Ġermanja u l-Għieda kontra l-Antisemitiżmu, u Dr Rörig huwa l-Kummissarju Indipendenti għal Kwistjonijiet ta' Abbuż Sesswali tat-Tfal.

Tlettax-il Stat federali ħatru wkoll rappreżentant għall-vittmi. Madankollu, ir-responsabbiltajiet tagħhom ivarjaw. Tista' ssib lista ta' kuntatti individwali fuq [www.hilfe-info.de](http://www.hilfe-info.de).

Bħala vittma ta' delitt, tista' tikseb l-għajjuna ta' avukat matul il-proċedimenti kriminali, pereżempju, biex jappoġġak fid-dikjarazzjoni tax-xhieda tiegħek. Għandek ukoll id-dritt għal appoġġ bħala prosekutur aċċessorju privat anki qabel il-parteċipazzjoni tiegħek fil-proċedimenti. Għandek id-dritt għal rappreżentanza legali bħala l-parti leża, jew tista' tkun akkumpanjat għas-smiġh tiegħek minn persuna fdata, sakemm dan ma jikkompromettix l-għan tal-investigazzjoni.

Minbarra assistenza legali, intitolat għal appoġġ psikosoċjali qabel, matul u wara l-proċedimenti kriminali. Tali appoġġ huwa disponibbli bla ħlas mhux biss għal vittmi ta' delitti sesswali u vjolenti li huma minuri, iżda wkoll għal adulti partikolarment vulnerabbli li jindarbu b'kaġun ta' delitt vjolenti ħafna jew attakk sesswali.

#### Trattament mediku

Barra minn hekk, iċ-ċentri outpatient tat-trauma joffru appoġġ psikoloġiku għal żmien qasir għall-vittmi ta' delitti vjolenti. Ċentri bħal dawn jinsabu fil-Ġermanja kollha. Il-vittmi ta' delitti vjolenti jistgħu jirdievu appoġġ psikoloġiku immedjat f'ċentri outpatient tat-trauma. Ħafna vittmi ta' delitti juru titjib notevoli wara biss ftit sessjonijiet ta' konsulenza u psikoterapija. Jekk meħtieġ, it-trattament jista' jiġi offrut u pprovdut fuq perjodu itwal, eż. psikoterapija outpatient jew kura inpatient fi klinika psikjatrika jew psikosomatika. Ħafna ċentri tat-trauma huma konnessi ma' klinika psikjatrika jew sptar sabiex, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ikunu jistgħu jipprovdu kura minn tabib psikjatriku.

Tista' ssib lista taċ-ċentri tat-trauma fil-Ġermanja fuq [Hilfe-Info.de](http://Hilfe-Info.de).

Il-vittmi ta' attakk sesswali jew fiżiku jista' jkollhom il-feriti viżibbli dokumentati. Ġeneralment tista' tikseb ċertifikat ta' tabib għal kull ferita mġarrba wara li tiġi eżaminat minn prattikant mediku ġenerali fil-prattika lokali tiegħek jew tabib fl-isptar lokali tiegħek. Xi bliet għandhom ukoll ċentru outpatient speċjali għall-protezzjoni kontra l-vjolenza li jista' jiddokumenta l-feriti tal-vittmi ta' delitt.

F'dawn iċ-ċentri, il-feriti tiegħek jew xi evidenza fiżika oħra tista' tiġi eżaminata u dokumentata minn tabib forensiku.

#### Appoġġ finanzjarju

Barra minn hekk, l-Istat jipprovdi diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju: Kull min isofri ħsara għas-saħħa minħabba delitt vjolenti jista' jikseb pagamenti ta' kumpens skont l-Att dwar il-Kumpens għall-Vittmi ta' Delitti (*Opferentschädigungsgesetz*). Huma għandhom jippreżentaw applikazzjoni uffiċjali lill-Uffiċċju tal-Pensjonijiet u l-Benefiċċji tal-Istat federali tagħhom (*Landesversorgungsamt*). Tista' ssib ukoll lista tal-Uffiċċji tal-Pensjonijiet u l-Benefiċċji kollha fuq il-pjattaforma għall-protezzjoni tal-vittma fuq [Hilfe-Info.de](http://Hilfe-Info.de). It-trattament fiċ-ċentru tat-trauma huwa inkluż f'dawn il-benefiċċji wkoll.

Wara attakki minn estremisti jew terroristi, il-vittmi jistgħu jiksbu kumpens meta jiffaċċjaw tbatija (*Härteleistungen*). Il-punt ta' kuntatt tiegħek għal dawn il-benefiċċji huwa l-[Bundesaamt für Justiz](#) (Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja).

Jekk tindarab f'xi delitt vjolenti fuq ix-xogħol, waqt vjaġġ mal-klassi tal-iskola jew mal-grupp ta' seminar universitarju tiegħek, jew fi triqtek lejn jew mix-xogħol tiegħek jew xi vjaġġ bħal dan, taħt ċerti ċirkostanzi, tkun tista' titlob assigurazzjoni statutorja kontra l-inċidenti. Il-punt ta' kuntatt tiegħek għal dawn il-każijiet huwa l-[Unfallkasse jew il-Berufgenossenschaft](#) tiegħek (fond ta' assigurazzjoni kontra l-inċidenti jew fond ta' assigurazzjoni kontra l-inċidenti fuq ix-xogħol).

Verkehrsoferhilfe e.V. (assoċjazzjoni għall-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku) huwa l-fond ta' assigurazzjoni xieraq għal delitt vjolenti li jinvolvi vettura. Ikopri, pereżempju, każijiet li fihom vettura ma kinitx assigurata, każijiet ta' hit and run jew meta sewwieq intenzjonalment aġixxa b'mod illegali.

#### X'tipi ta' appoġġ nista' nirdievi mill-organizzazzjonijiet nongovernattivi?

Organizzazzjonijiet nongovernattivi professjonali u volontarji għall-appoġġ tal-vittmi għandhom diversi miżuri differenti biex itejjeb s-sitwazzjoni tal-vittmi ta' delitti u biex jiprovduhom it-tip ta' assistenza adegwata.

L-esperti li jaħdmu għal dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jgħinuk billi jiddiskutu l-konsegwenzi ta' delitt, jipprovdu appoġġ psikosoċjali, u jinfurmawk dwar proċedimenti kriminali possibbli u kwalunkwe kumpens finanzjarju. Jistgħu wkoll jipprovdu aktar għajjnuna, bħas-servizzi ta' avukat jew terapista. Pereżempju, [Weisser Ring e. V.](#) jipprovdu appoġġ lill-vittmi fuq livell nazzjonali. Minbarra ċentri fil-Ġermanja kollha, din l-assoċjazzjoni ttiprovdi wkoll il-linja għall-għajjnuna msemmija hawn fuq għall-vittmi (116006) li permezz tagħha l-vittmi ta' delitti jistgħu jiksbu għajjnuna professjonali minnufih. B'mod partikolari, Weisser Ring e. V. joffru konsulenza ġenerali, għajjnuna meta persuna tkun qed tittratta ma' awtoritajiet tal-gvern u l-qrati, sessjoni inizjali ma' avukat bla ħlas, appoġġ mediku/psikoloġiku inizjali bla ħlas meta persuna tkun qed tbatu minn stress kaġun ta' delitt, akkumpanjament għal seduti tal-qorti u appoġġ finanzjarju. Weisser Ring e. V. għandhom ukoll skemi għall-kumpens tal-vittmi u medjazzjoni bejn il-vittma u l-awtur tar-reat.

[Arbeitskreis der Opferhilfen in Deutschland e.V.](#) (ADO, grupp ta' ħidma għall-appoġġ tal-vittmi fil-Ġermanja) jaġixxi bħala organizzazzjoni umbrella għal diversi ċentri ta' appoġġ għall-vittmi li huma attivi professjonalment fil-livell reġjonali. L-għanijiet tagħhom huma, fost oħrajn, li jinkoraġġixxu skambji regolari ta' informazzjoni bejn ċentri ta' appoġġ għall-vittmi fil-Ġermanja, jistabbilixxu standards għal appoġġ professjonali għall-vittmi, jiffrju aktar ċentri professjonali ta' appoġġ għall-vittmi u jrawmu kooperazzjoni bejn iċ-ċentri kollha ta' appoġġ. FI-ADO, tista' wkoll tikseb konsulenza u għajjnuna meta tkun qed tittratta ma' awtoritajiet governattivi, kif ukoll appoġġ psikoloġiku ta' emerġenza, trattament mediku u terapija, konsulenza legali, akkumpanjament għal appuntamenti mal-pulizija, l-awtoritajiet governattivi u l-qrati, u appoġġ f'medjazzjoni bejn il-vittma u l-awtur tar-reat.

Diversi ċentri ta' appoġġ speċjalizzaw biex jipprovdu konsulenza u assistenza għall-vittmi ta' reati speċifiċi, b'mod partikolari, delitti sesswali, razzisti, antisemiċi, omofobiċi u transfobiċi. Dawn huma organizzati wkoll minn diversi [organizzazzjonijiet umbrella](#), pereżempju:

[VBRG](#) – Verband der Beratungsstellen für Betroffene rechter, rassistischer und antisemitischer Gewalt (assoċjazzjoni taċ-ċentri ta' konsulenza għall-vittmi ta' vjolenza tal-lemin, razzista u antisemita)

[BFF](#) – Bundesverband der Frauenberatungsstellen und Frauennotrufe in Deutschland (assoċjazzjoni federali taċ-ċentri ta' konsulenza u hotlines għan-nisa fil-Ġermanja)

Minbarra inizjattivi nazzjonali ta' appoġġ għall-vittmi, ħafna ċentri ta' għajjnuna huma attivi fuq livell reġjonali u lokali u impenjati ħafna. Tista' ssib lista taċ-ċentri ta' konsulenza fuq livell reġjonali u lokali fuq <http://www.hilfe-info.de>.

L-aħħar aġġornament: 20/10/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.